KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

MINUTI
Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta
Tmien LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 67** **Tlieta 31 t'Ottubru 2023**

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-6:15pm ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Perit Christopher Grech – Sindku
Rachel Abela - Viċi Sindku
Keith Cassar – Kunsillier
Francis Deguara – Kunsillier
Joseph Gatt- Kunsillier (onlajn)
Aiken Zerafa – Kunsillier
Mario Victor Camilleri – Kunsillier
George Borg - Kunsillier
Anna Galea – Kunsillier
Jesmond Gauci - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Danny Farrugia - Kunsillier

**ASSENTI:**
Dott. Angele Rapa – Kunsillier
Maria Pia Bonnici - Kunsilliera

**MISTIEDNA:**
Daniel Galea – Accountant

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Lorraine Templeman - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**
Is-Sindku Chris Grech ippreseda l-laqgħa.

**67.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**
Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Farrugia. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Farrugia.

**67.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti nru 66**
**REF: 44.3.4 – Kommunikazzjoni – Byelaw Ġnien l-Għarusa tal-Mosta**
Is-Sindku nforma li għad ma kellux ċans jagħlaq id-*draft* tal-byelaw.

**REF: 46.6.1 Arbitraġġ PAMA**

Is-Sindku nforma li għada għandu laqgħa mad-direttur tal-Public Works dwar ix-xogħlijiet fi ġnien Kevin Vella f'ta' Mlit. Sadanittant il-Public Works qed jbattlu l-ġiebja, u ser isir spezzjoni tas-saqaf tal-ġiebja u wara jsir programm ta' xogħlijiet. Il-ġiebja hija mimlija bil-ħama fejn dan jrid jitbattal biex jkun jista' jiġi ċċekkjat is-saqaf. Il-Kunsillier Cassar staqsa biex nistaqsu lil-avukat tal-Kunsill jekk nistgħux nitilfu l-każ tal-arbitraġġ peress li l-PAMA issa qed jistennew lilna.

Fis 6:20 daħal għal laqgħa l-Kunsillier Gauci.

Il-Kunsillier Cassar żied jgħid li dan huwa tlajjar tal-proġett, għax il-perit Buhagiar, cioe il-perit tal-PAMA, suppost jaf x'hemm ġewwa l-ġibjun, jew setgħa għamel spezzjoni min naħa tiegħu, u għalhekk huwa stqarr li jaħseb li l-unika skop tal-PAMA hu li jirbħu ż-żmien għax jaf kemm hu diffiċli biex tidħol u tnaddaf. Is-Sindku nforma li skont ir-riżultat immexxu, għalhekk jekk is-saqaf jkun ċertifikat li hemm bżonn isir xogħlijiet fuqu iridu niddeċiedu differenti, u jekk filkas hu tal-opinjoni li jintgħażel proġett ieħor. Jekk is-saqaf ikun ċertifikat li huwa tajjeb, mela jrid jitkompla dan il-proġett speċifiku mill-PAMA. Xorta jibqa' l-fatt li l-Kunsill ma għandux biex joħroġ is-sehem tiegħu.

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li wara kull laqgħa, qed tibgħat il-minuti lil-avukat tal-Kunsill, biex jkollu *update* u biex jinforma lil-PAMA.

**REF: 46.4.5 Kommunikazzjoni – Pjanti Triq Difiża Ċivili**

Is-Sindku nforma li tkellem mal-perit ta' Infrastructure Malta (IM) biex jibgħatlu *draft* tal-pjanta proposta, cioe tal-proġett fi Vjal Ragusa, biex il-membri tal-Kunsill jkunu jistgħu jilħqu jarawha, liema pjanta s-Sindku ppreżenta waqt il-laqgħa u ddiskuta mal-membri preżenti, li qed tiġi annessa bħala Appendiċi 'A'.

Il-membri preżenti qablu bħala prinċipju mal-pjanta proposta, u ssuġġerew biex fejn il-karreġġati fuq il-pont direzzjoni Naxxar jinqelbu *two-lane* t'itwal aktar lejn l-RS2, jiġifieri tibda min aktar qabel. Talbu wkoll jkun iċċekkjat il-*building line* ta' fejn il-*junction roundabout.*
Għalhekk issa jidher li b'din il-proposta IM indirizzaw dak li kien qed jitlob il-Kunsill, cioe li direzzjoni lejn Naxxar, fuq il-pont isir *two-way.*

Is-Sindku nforma li dwar ir-*roundabout* tal-LIDL kien kellem lil IM biex ma jagħmluhiex għax l-kumitat maħtur kien qed jiddiskuti r-*roundabout* ta' qabel il-pont, ir-*roundabout* ta' quddiem il-LIDL u l-Obelisk fil-pjazza. Il-kumitat kien iddeċieda li ser jagħti ċans l-istudenti ta' l-MCAST biex jagħmlu monument fuq ir-*roundabout* tal-LIDL, però wara ftit xhur l-MCAST irrispondew li m'għandhomx ir-riżorsi u ma jistgħux jilqgħu din it-talba.
Is-Sindku nforma li għalhekk reġa' tkellem ma IM fejn dawn ser jkomplu biex xogħlijiet, u ser jlestu l-bażi bil-lest imdawra bil-*landscaping,* għal meta xi darba jsir il-monument fir-*roundabout* ta' quddiem il-LIDL.

**REF: 50.5.6 Phase 3 Lighting Pjazza**

Is-Sindku nforma li ma nistgħux naslu mall-fondazzjoni li joħorġu l-ispejjeż huma, dan għaliex issa qed jgħidu li l-istatut tagħhom ma jippermettix li jużaw il-fondi speċifikament relatati mad-dawl f'toroq pubbliċi. Hemm erbatax (14) arblu li jiġu jiswew madwar €21,000. Il-Kunsill ordna l-arbli biss għax dawn jridu jitwaħħlu possibbilment sa Diċembru. Is-Sindku nforma li talab wkoll għajnuna mil-Ministeru ta' Miriam Dalli, cioe mill-Enemalta, biex jisponsorjaw il-

*light fittings* li jiswew madwar €150,000. Is-Sindku kien riferut biex jitkellem mas-CEO ta' l-Enemalta l-inġinier Ryan Fava, fejn kellmu llum u talab lis-Sindku jibgħatlu l-proposta u l-istima. Sadanittant trid issir stima dettaljata ħa jiġi stabbilit eżatt l-ammont u din il-proposta u l-istima tkun tista' tiġi preżentata uffiċjalment għall-konsiderazzjoni.

**REF: 52.3.7 Skema ERA CCTV Kameras – FOND AMBJENTALI ERA**
Is-Sindku nforma li jrid jsir is-*survey* għal proġett ambjentali biex jsir restawr fuq il-ġiebja biex tinħoloq *Belevedere* li tinsab ġewwa ġnien l-Għarusa tal-Mosta minflok jintużaw fuq CCTV kameras. Il-kameras issa ser jiġu provduti mir-Reġjun.

**REF: 52.5.4 Mosta Bridge Lighting – Under**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li peress li dan il-proġett tad-dawl fil-*walkway* irid isir fis-sena 2024 peress li qabel irid jitlesta l-proġett ta' Vjal Ragusa min Infrastructure Malta (IM). Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret lis-Sindku biex jara liema dwal ser nagħżlu għax iridu nibgħatu l-BOQ lil-LESA. Huwa spjega li qed jistenna lill-Micamed jibgħat proposta.
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat wkoll, li bagħtet tinforma lil LESA, li d-dawl fil-*walkway* irid isir fis-sena 2024 peress li qabel irid jitlesta l-proġett ta' Vjal Ragusa min Infrastructure Malta (IM).

**REF: 52.5.6 Bye Law Reklami fuq Għamara ta' Toroq**
Is-Segretarju Eżekuttiv reġgħet bagħtet tfakkira lil-avukat biex jitranġa xi kliem mil-abbozz legali.

**REF: 55.4.1 Spustjar Permanenti ta' parti mill-Monti**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li tal-monti kkoperaw u taw id-dettalji li tlabna, bosta però qalu li ma kellhomx imejl. Tnejn ma kienux jafu d-dettalji tagħhom tal-permess, u ntalbu jiġu l-Kunsill, però għadhom ma ġewx. Kien hemm wkoll għaxra oħra li qegħdin fuq il-lista tal-Kunsill bħala bejjiegħa li ma kienux armati d-darbtejn li morna nduru l-monti.

Dwar l-ispustjar permanenti tal-monti s-Sindku nforma li ma kellux ċans jkompli jaħdem fuqha, imma l-idea hi li l-monti jkunu spustjati fi triq Patri Avertan Fenech biex b'hekk ikun kollu fuq naħa waħda u ma jaqsamx triq Il-Kostituzzjoni. Is-Sindku żied jgħid li kien qed jitkellem ma l-Onor. David Agius fejn issuġġerixxa biex meta tingħalaq il-pjazza fil-*weekends,* din tista' tingħalaq sat-Tnejn wara nofsinhar flok sal-Ħadd tard bil-lejl, biex tal-monti jarmaw fil-pjazza fuq il-pavimentar bħala post alternattiv. Ikun sabiħ monti fil-pjazza basta jkun hemm uniformità. Saret diskussjoni fejn il-membri preżenti ma qablux li l-monti jarma biswit ir-Rotunda.

**REF: 55.5.2 Update - Ingaġġ ta' Skrivan Skala 15**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-*interviews* ser jsiru fis 7 ta' Novembru.

**REF: 56.3.2 Applikazzjoni Triq Freddie Micallef**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li għad ma rċevejniex il-pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-Gvern.

**REF: 56.3.7 KLMQ-01-2019 Youth Worker Service**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li wara li kellna l-*feedback* mil-Kunsilliera Bonnici, bdejna naħdmu biex jinħareġ tender għal Youth Worker Service.

**REF: 56.3.8 Proġett Project Green**

Is-Sindku nforma li l-perit ta' Studjurban irreveda l-pjanta tal-parkeġġ skont il-policy ta' Transport Malta (TM), fejn aħna bħala Kunsill iridu nagħmlu t-talba biex bħala parkeġġi l-Kunsill jekk hu possibbli jżomm il-parkeġġi li diġà hemm u mhux wieħed biss skont il-*policy*. Is-Sindku nforma wkoll li huwa kellu laqgħa Project Green, fejn kien hemm preżenti c-CEO Steve Ellul u l-Periti Beverly Costa u Jessica Galea f'isem PG, is-Sur Pace Ross, l-Arċipriet, u l-Perit ta' Studju Urban fejn spjega l-proġett fid-dettall. F'din il-laqgħa kien hemm xi tħassib min naħa tal-arċipriet fosthom *alighting/boarding* għal min irid jiġi l-quddies, b'mod speċjali meta tingħalaq il-pjazza fil-*weekends* u l-possibbiltà li jrid jintrama l-krejn għall-manutenzjoni u armar fuq wara tal-knisja u għalhekk il-*planters* biswit wara tar-Rotunda jridu jkunu tali mod li jiċċaqalqu. Dawn il-punti ġew diskussi biex jittieħdu inkonsiderazzjoni.

**REF: 58.3.2 Toroq u Sqaqien (inkluż dawk iffinanzjati mid-DPF)**

Rigward it-toroq Dun Mikiel Xerri, Charles J. Vassallo, sqaq Xorxa u sqaq San Anton Abbati, is-Sindku nforma li mhux l-entitajiet kollha irrispondew, u għandu jerġa jibgħatilhom tfakkira.

**REF: 58.4.3 Traffic Calming Measures Triq il-Mitħna**

Is-Sindku nforma li għad ma kellux ċans jiltaqa ma uffiċjali ta' Transport Malta (TM), biex jaraw min fejn ser jieħdu d-dawl għall-*pelican crossings.*

**REF: 59.3.5 Roundabouts: LIDL/l-Pont u Monument fil-pjazza (Obelisk)**

Is-Sindku nforma li jrid jfakkar lil Profs. George Cassar biex jinħareġ il-fuljett biex niġbru l-fondi għal Obelisk, li issa għandna l-istima.

Il-Kunsillier Zerafa talab *update* dwar ir-*roundabout* ta' fuq il-pont, u s-Sindku nforma li jrid jerġa jiltaqa l-kumitat, fejn għanda tinħareġ espressjoni ta' interess lil-artisti.

Il-Kunsillier Cassar nforma li hemm *purchase orders* li l-Kunsill ħa japprova aktar tard matul il-laqgħa, li jammontaw għal kważi €15,000 datati 12 t'Ottubru għal xogħol li diġà sar marbut ma l-esebizzjoni li saret matul il-ġimgħa ta-festa. Huwa qal li parti min dawn l-ispejjeż riedu jiġu rkuprati minn Project Green. Is-Sindku nforma li l-*esebizzjoni* ma kellhiex x'taqsam mall-proġett ta' Project Green u l-anqas mall-Obelisk iżda l-esebizzjoni kienet dwar il-proġett tal-pjazza, li kienet approvata waqt laqgħa tal-Kunsill, u kull ma kien hemm ritratt ta' l-Obelisk. Is-Sindku stqarr li huwa kien offra lill-PG jekk iridux jieħdu sehem f'din l-esebizzjoni, bħal ma kien qal hu stess f'laqgħat preċedenti, però PG kienu nformawh li meta jasal iż-żmien ser ikunu huma li jagħmlu l-*launch* uffiċjali ta' dan il-proġett. Għalhekk is-Sindku tenna li din l-ispiża hija relatata biss mall-proġett tal-pjazza u l-Kunsill kien iddeċieda f'laqgħa preċedenti li din l-esebizzjoni ssir. Il-Kunsillier Cassar ir-rimarka li l-*purchase orders* ħarġu wara li saret l-esebizzjoni, fejn is-Sindku nforma li l-esebizzjoni kellha issir qabel il-festa għax kienet urġenti biex issir u żgur ma kienx hemm il-ħin li jsiru l-PO's qabel.

**REF: 61.3.2 Street Naming**

Is-Sindku nforma li fuq din il-materja għad trid tiġi diskussa waqt *traffic management committee.*

**REF: 61.4.2 Użu ta' Parkeġġ fl-Iskejjel**

Il-Kunsillier Borg nforma li d-Direttur Ġenerali (DG) ma min inħadem l-MoU, illum il-ġurnata m'għadux DG ta' l-edukazzjoni, u d-DG li laħqet ġdida ma kellhiex *handover,* u għalhekk

bagħatilha d-dettalji u nformaha biex tmexxi mal-Public Service biex jsir l-Mou, u għalhekk qed nistennew data.

**REF: 61.4.3 Dog Bins**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li trid titkellem mal-kuntrattur tal-knis, biex jingħata l-prezz biex jitbattlu d-*doggy bins* u jsir addendum, sakemm jinħareġ *tender* ġdid.

**REF: 62.3.2 Tenders**
Is-Sindku nforma li flimkien mal-Kunsilliera Bonnici u is-Segretarju Eżekuttiv, iltaqgħu u daru t-*tender* tal-knis fejn dan ser issirlu l-aħħar reviżjoni, mbagħad niltaqgħu biex jsir it-tender tal-ħasil.

Fil futur tenders li jridu jinħadmu, ser jinħadmu mas-Sindku u mall-Kunsillier responsabbli, jekk dejjem it-*tender* jkun relatat ma xi dekasteru tal-Kunsillier, jkun iċċirkolat u jitella għal-approvazzjoni tal-Kunsill, għax ma jistax is-Segretarju Eżekuttiv tibgħat kull laqgħa għal-*feedback* u ħadd ma jirrispondi.

**REF: 62.4.5 Statwi tal-Bronż**
Dwar ir-restawr ta' l-istatwi tal-bronż ta' EB Vella u Dun Anġ Camilleri, is-Sindku nforma li wara li tkellem mas-Sur Chris Ebejer, għat ma bagħatx il-kwotazzjoni.

**REF: 62.4.6 Electric Charging Pillars.**
Is-Sindku nforma li l-proposti li ġew iċ-ċċirkulati mall-Kunsilliera, dawn qegħdin bil *co-ordinates.* Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li mal *co-ordinates* hemm l-isem tat-triq, għalhekk jekk wieħed jikkopja il *co-ordinates* fuq *google maps,* din turi eżatt fejn qed tkun proposta iċ-*charging pillar.*

**REF: 63.4.3 Traffic Lights fejn is-Subaru**
Is-Sindku nforma li Transport Malta (TM) għamlu l-*counts,* u għamlu disinn preliminarju li mhux biss jinkludi l-*junction* tas-Subaru iżda wkoll il-*junction* ta' Pantar għax fil-verità bħal ma kien stqarr is-Sindku fil-laqgħa ta' konsultazzjoni, il-problema tal-*junction* tas-Subaru tibda minn ferm qabel, cioe minn Pantar. Issa qegħdin fil-fażi li jevalwaw jekk dan l-ammont ta' karozzi li rriżulta fil-*counts,* jaħdimx tajjeb fil-proposta preliminari li saret.

**REF: 63.4.5 Ta' Bistra**
Dwar il-*junction* ta' Jupiter is-Sindku nforma li fadal l-aħħar passata tarmak inkluż sqaq Bistra u *road markings.*

**REF: 64.3.3 Park and Ride**
Is-Sindku nforma li ser jkollna problema bil-*park and ride* ġewwa ġnien l-Għarusa tal-Mosta li approvajna, għax il-parkeġġ dejjem ippakkjat bil-vetturi ta' dawk li jattendu l-MCAST, u għalhekk inutli nagħmlu l-*park and ride* min hemm, biex il-pubbliku jipparkja hemm u jaqbad ix-*shuttle bus* għal-monti għax jispiċċa ma jsibx parkeġġ bl-ammont ta' karozzi li jkun hemm ipparkjati. Għalhekk għalissa din ser tinżamm pendenti sakemm nsibu post adattat bħala *pick-up point*.

**REF: 64.3.5 Parks and Gardens**
Is-Sindku nforma li għad jrid jibgħat it-talba lid-DLG, ta' kemm ser jiswa biex nżommu l-manutenzjoni ta' ġnien l-Għarusa tal-Mosta. Inkluż jrid jkun hemm żieda oħra fl-allokazzjoni,

għax il-Kunsill jrid joħroġ 10% tas-somma minfuqa fuq il-proġett ta' Project Green u lill-perit ta' dan il-proġett.

**REF: 64.3.7 Small Medium Enterprises (SME)**
Is-Sindku nforma li għad iridu niffissaw laqgħa mall-SME's. Il-Kunsillier Cassar staqsa jekk hemmx bil-miktub li l-SME's qablu ma bosta proposti li ġew diskussi magħhom. Is-Sindku nforma li dawk preżenti fil-laqgħa li kien mistieden hu qablu fil-maġġur parti tal-proposti tal-Kunsill. Huwa ser jistaqsi lil kumitat ta' l-SME's jekk ittieħdux minuti u jekk iva jiċċirkulawhom. Saret diskussjoni dwar meta l-aħjar issir il-laqgħa organizzata mill-Kunsill mas-sidien tan-negozji kollha, u l-membri preżenti qablu li ssir nhar it-13 ta' Novembru fis 7:15pm.

**REF: 66.3.2 - Cir AKL 2023/085 Laqgħat Skemi ta' parkeġġi residenzjali fil-lokalitajiet f' Malta u Għawdex**
Is-Sindku nforma li din l-iskema ser tiġi diskussa waqt *traffic management committee.*

**REF: 66.3.4 – Cir AKL 2023/086 President's Fun Run 2023**
Il-Kunsillier Zerafa nforma li t-trasport ġie bbukkjat fis 2:15pm mil-pjazza għal Verdala, imbagħad meta tispiċċa l-mixja jerġa jkun hemm trasport mil-belt lura għal-Mosta. Il-Kunsillier Zerafa għandu jipprepara *poster* biex jitella fuq il-midja soċjali.

**REF: 66.3.5 Siġar tal-Ficus**
Is-Sindku nforma li fl-aħħar laqgħa l-membri tal-Kunsill kienu qablu li dawn is-siġar tal-ficus jinqalgħu u jkunu *transplanted* Santa Margerita. Is-Sindku nforma li saret laqgħa ma uffiċjal ta' l-ERA fejn illum ġiet sottomessa l-applikazzjoni mas-Segretarju Eżekuttiv għall-kunsiderazzjoni tal-ERA. L-ERA issuġġerew varjetà ta' siġar Kwerċus u ta' Ġuda li għandhom jitħawwlu flok dawk tal-ficus, u mhux siġar tal-palm.

Is-Sindku nforma wkoll li ser jipprova iġib fondi għal-*landscaping* pjazza, u talab lil Infrastructure Malta (IM), jekk jistgħux jagħmlu s-siġar *through il-kumpanija* GEB, u nformawh li ma hemmx fondi, u għalhekk is-Sindku tkellem mal-Ministru Aaron Farrugia fejn informah li huwa jaħseb li l-ispiża taf tlaħħaq €200,000. il-Ministru Farrugia ser jalloka l-ispiża mil-fondi ta' Transport Malta (TM), u GEB Landscaping ser jagħmlu d-disinn u stima dettaljata għall-approvazzjoni. Is-Sindku nforma wkoll li fil-pjazza hemm maħsub *drip irrigation,* u l-qbil huwa li wara li jitlesta l-proġett, il-manutenzjoni ser taqa' f'idejn il-Kunsill mill-ewwel.

Il-Kunsillier Deguara staqsa għalfejn ġie deċiż li jinqalgħu s-siġar tal-ficus, u s-Sindku nforma li din il-materja ġiet diskussa fil-laqgħa preċedenti u kien hemm qbil fuqha. Huwa stqarr li kulħadd jaf bil-ħsara li qed jagħmlu dawn is-siġar fil-bankini, lis-servizzi ta' taħt it-triq u l-ħmieġ li jħallu. Huwa fakkar li l-Kunsill diġà kien qabel u applika u għamel *transplanting* ta' tnejn min dawn is-siġar, liema xogħol sar bil-permess tal-ERA u ġie approvat għax dawn kienu; waħda daħlet ġo ġiebja li nstabet u ġiet restawrata u l-oħra kienet wisq viċin il-bini taċ-ċentru ċiviku u suġġetta għal-ħsara.

**REF: 66.3.6 Street Lighting Toroq Kungress Ewkaristiku u Kostituzzjoni**
Is-Sindku nforma li dwar id-dawl ta' triq il-Kostituzzjoni li ser napplikaw biex jkunu *down hanging u* jsiru responsabiltà tal-Kunsill. Huwa ser jitkellem ma l-Enemalta fuq il-proċedura biex dan isir.

**REF: 66.3.7 Maintenance Agreement Pavimentar Pjazza**
Is-Sindku nforma li qed jistenna stima fuq il-manutenzjoni tal-pavimentar. Huwa talab lill-kuntrattur biex l-ewwel sena 2024 tkun mingħajr ħlas u l-ħlas jibda mis-sena 2025. Il-kuntrattur ser jifformola *draft agreement* biex narawh, naqblu fuqu u jiġi iffirmat. Is-Sindku nforma wkoll li kellem lil Ministru Clayton Bartolo għal magna biex jinkines il-pavimentar, fejn il-Ministru Bartolo nforma li hemm fond, u ser tingħata magna l-kull Kunsill. Il-probabbilta li din il-magna tasal f'Jannar 2024. Din trid tinżamm f'post mill-Kunsill u mħaddma min-nies tad-dipartiment fiż-żoni pedonali tal-Mosta biss.

Dwar il *bye-law* għat-*tables and chairs* għal meta tingħalaq il-pjazza biex il-ħwienet jkunu intitolati biex jpoġġu aktar mwejjed u siġġijiet. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li bagħtet imejl lir-*traffic managememt committee* (TMC), biex jibgħatu d-dettalji ħalli tkun tista' tinforma l-avukat biex jibda l-abbozz.

**REF: 66.4.2 Roundabout Housing Estate.**
Is-Sindku nforma li għad qed jistenna stima biex isir kurduna tal-qawwi jew lava madwar ir-roundabout. Is-Sindku fakkar li din għandha tiċkien pied minħabba manuvrar aħjar tal-karozzi tal-linja.

**REF: 66.4.3 Magazine tal-Kunsill**
Il-Kunsillier Deguara nforma li għad qed jistenna lis-Sindku jibgħat l-introduzzjoni tiegħu. Is-Sindku staqsa sa meta jrid jagħti l-*magazine* lil-*printer*, u l-Kunsillier Deguara nforma li r-reviżjoni finali trid tasal għad il-*printer* sa nofs Novembru.

**REF: 66.4.4 Ħarġa tal-Kunsill**
Il-Kunsillier Deguara nforma li l-ħarġa li kienet saret ġewwa Smart City attendew 71. Filwaqt li għal l-aħħar ħarġa saret fil-kunvent tal-Kapuċċini l-Furjana attendew 55.
Il-Kunsillier Deguara żied jgħid li l-ħarġa li jmiss ser issir nhar it-23 ta' Novembru fil-mużew ta' Wigna Court ir-Rabat, filwaqt li l-festin tal-Milied għal-anzjani ser issir fit-28 ta' Diċembru.
Il-membri preżenti approvaw baġit ta' mhux aktar min €1,000 għal-festin tal-Milied.

Il-membri preżenti unanimament approvaw il-minuti tal-laqgħa numru 66.

**67.3 Kommunikazzjoni / Korrispondenza mis-Sindku**

**67.3.1 APS Internet Access**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-bank APS talabna nimlew formola biex jkollna l-aċċess għal-kontijiet onlajn. Il-membri preżenti approvaw l-aċċess onlajn.

**67.3.2 Skema ta` Għajnuna għal Tiżjin tal-Milied fil-Lokalita' 2023-2024**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li rċevejna mil-Malta Tourism Authority (MTA), li għal darba oħra din is-sena ser jkollna fondi għat-tiżjin tal-Milied fejn ser ningħataw €5,000 u l-Kunsill jrid joħroġ minimu ta' €3,000 mas-somma tal-fond mogħtija. Illum idaħħlet l-applikazzjoni, u applikajna għal l-istess toroq kif żejjinna is-sena l-oħra.
Il-membri preżenti approvaw l-applikazzjoni.

**67.3.3 Street Naming Committee: Triq il-Wied u Triq Don Alvaro De Sande, Mosta**
Il-Kunsillier Cassar qara l-imejl li rċevejna mingħand lis-Street Naming Committee, fejn nfurmawna li qabel ma jkunu jistgħu jipproċedu bit-tismija uffiċjali ta' Triq Pawlu Cuschieri, nstabu xi anomaliji fl-estensjonijiet ta' Triq il-Wied u Triq Don Alvaro De Sande.

Għal dan il-għan il-kumitat għat-Tismija ta' Toroq ippropona li tkun indirizzata l-problema (mappa annessa Appendiċi B). Fejn hemm immarkata vleġġa ħamra hemm tabella mwaħħla ħażin ta' Triq Nicolò Isouard, f'parti ta' triq li hija dritta mal-istess ħajt ta' Triq il-Wied. Barra minn hekk dawn l-istess djar kienu ngħataw numru tal-bieb ma' Triq Don Alvaro de Sande. Għalhekk il-Kumitat, qiegħed jissuġġerixxi li t-tabella għandha titneħħa u tkun ipprolungata Triq il-Wied biex b'hekk il-bini kollu fit-triq ikollu l-istess isem ta' triq. B'hekk tkun irranġata wkoll l-anomalija fin-numerar tal-bibien, billi dawk id-djar ikunu nnumerati ma' Triq il-Wied. Fil mappa hemm immarkata wkoll l-estensjoni l-ġdida ta' Triq Don Alvaro De Sande.

Il-membri preżenti qablu dwar l-estensjoni ta' triq il-Wied, dwar il-pjazzetta f'nofs triq il Wied, il-membri preżenti ma qablux li tingħata isem ieħor.

Fit-8:05pm is-Sindku talab biex jkun skużat mil-laqgħa, u għalhekk saret pawsa, ta' ħames minuti sakemm is-Sindku reġa' daħal lura għal-laqgħa fit-8:10pm.

**67.3.4 SPI/SCI/08/2022 - Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Milied 2022**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li rċevejna imejl mid-Direttorat, fejn wara li ġew ivvettjati l-*claims,* id-Direttorat nforma l-Kunsill li għandu jirrifondi lid-Direttorat is-somma ta' €6,811.43. Dan għar-raġuni li ma' kienx hemm biżżejjed irċevuti fiskali li jammontaw għall-ammont mogħti għal din l-iskema. Saret diskussjoni fejn jidher li ċerti rċevuti provduti ma kienux fiskali, kien hemm xi fatturi neqsin u *risk assessment* ma sarx. Is-Sindku talab li xorta jrid jindaga għaliex intilfu dawn il-flus u jekk hux possibbli li nipprovdu dak li kien hemm nieqes biex ma jintilfux dawn il-fondi.

**67.3.5. Festa ta' San Martin fil-Mosta**

Is-Sindku nforma li għal attività ta' San Martin hemm programm li jibda mil-Ġimgħa filgħaxija 10 ta' Novembru, u jkompli sal-Ħadd 12 ta' Novembru sas-1:00pm. Is-Sindku nforma li għamel laqgħa ma l-għaqdiet, fejn ser jkun hemm *stalls* provduti bla ħlas mill-Ministeru ta' l-Agrikoltura, li ser jintużaw min għaqdiet u stabbilimenti tal-Mosta biss, u l-programm ser jkun magħmul mil-għana, *car show,* mużika u kant, ikel tradizzjonali Malti, u ħa jkun hemm wkoll tas-Civil Protection bil-*fire engine* fejn ser jkollhom *stand* b'informazzjoni.

Is-Sindku nforma li mil-iskema ser nieħdu €18,000, u l-Kunsill jrid joħroġ madwar €8,000 Is-Sindku avża lil membri preżenti li bħala kwotazzjonijiet għad m'għandiex f'idejna imma bħala palk, dawl għal-palk u *sound* l-ispiża hija ta' €9,000, u għalhekk dawn ma tistax wisq iġġib tlett kwotazzjonijiet għax diġà jaqbżu il €5,000. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lis-Sindku, li xorta fejn hu possibbli inġibu l-kwotazzjonijiet, u l-Kunsillier Camilleri talab lis-Sindku biex l-kwotazzjoni tad-dawl, *sound* u palk jkunu mniżżlin separati. Is-Sindku semma li din hija l-aħħar laqgħa tal-Kunsill ta' qabel il-festa ta' San Martin u għalhekk huwa impossibbli li l-PO's jew WO's jkunu nklużi fil-lista ta' din il-laqgħa tal-Kunsill meta l-festa ta' San Martin għadha qed tiġi organizzata u fadal ħafna xi jsir inkluż li jinġibu stejjem.

**67.3.6 Attività f'Diċembru**

Is-Sindku nforma li qed jitkellem mad-dipartiment tal-Kunsilli, u qed jipprova jġib baġit biex issir attività ta' kunċert fil-pjazza, fejn ninvolvu wkoll l-għaqdiet biex jkun hemm ħruq tan-nar mil-bjut, sinkronizzat mal-mużika.

Is-Sindku żied jgħid li ressaqha waqt il-laqgħa tar-Reġjun biex Il-Kunsilli jieħdu €10,000 flok €4,000 bħal ma ħadna s-sena l-oħra. Huwa nforma lir-Reġjun kien approva dan l-ammont miżjud lil kull kunsill tar-Reġjun Tramuntana għal din is-sena biss.

Huwa fakkar li min jarma l-Xmas tree fil-pjazza mid-dehra kellu arranġament verbali mall-Kunsill u dan kien jinkludi 3 snin jarma s-siġra l-kbira għall-ammont ta' €5,000, fejn din is-sena 2023 hija l-aħħar sena. Is-Sindku qal li l-kuntrattur avżah li din is-siġra ġarbet ħsarat konsiderevoli u ma tistax tintrama hi u għalhekk hemm l-għażla li jew ma jintrama xejn jew li tintrama siġra ġdida, però din tiswa aktar. Jekk isir arranġament ta' tlett snin oħra l-aħjar prezz huwa ta' €7,500 kull sena, liema arranġament jibda min din is-sena. Il-membri qablu li tintrama siġra tal-Milied. Is-Sindku semma li bil-fond tar-Reġjun inħallsu d-differenza tas-siġra €2,500, l-attività tal-mixgħela tad-dawl tat-toroq ewlenin, in-nar taż-żewġ għaqdiet għall-attività tal-kunċert ta' Diċembru u l-permessi relatati.

Is-Sindku nforma li fondi għal-kunċert għadhom qed jiġu diskussi, imma jekk ma jirnexxilux, il-kunċert ma jsirx però n-nar jinħaraq xorta mall-mużika u xorta norganizzaw serata.
Il-kunċert qed jiġi pjantat għall-15 ta' Diċembru.

**67.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

**67.4.1 Party tal-Milied għat-Tfal**

Il-Viċi Sindku ipproponiet biex il-Kunsill jorganizza *party* tal-Milied għat-tfal.
Il-membri preżenti approvaw baġit ta' mhux aktar min €1,000 li jkun *party* bi ħlas liema biljett jkun jiswa €5, li miegħu jkun jinkludi rigal ta' €5, u għalhekk jkunu qed jingħataw valur ta' €10.
Il-Viċi Sindku intalbet iġib il-kwotazzjonijiet u li jkun hemm sistema ta' *bookings.*

**67.4.2 Laqgħa FSWS**

Il-Kunsillier Borg għan nom tal-Kunsillier Farrugia, nforma li ser issir laqgħa ta' l-FSWS nhar is-27 ta' Novembru fid-9:00am u lagħqa oħra nhar it-30 ta' Novembru fis-7:00pm, u talab approvazzjoni ta' €30 għal-café u gallettini.
Il-membri preżenti approvaw baġit ta' €30.

**67.4.3 125 Anniversarju ta' l-Iskejjel Primarji ta' Grognet.**

Il-Kunsillier Borg nforma li l-iskejjel primarji ta' Grognet ser jagħmlu attività f'għeluq il 125 sena li ilhom mwaqqfin. L-attività ser issir nhar is-17 t'April 2024, fejn illum saret laqgħa liema laqgħa il-Kunsillier Borg huwa *chairman.* Il-Kunsillier Borg staqsa jekk il-Kunsill għandux xi pjanti tal-Perit George Grognet de Vasse biex l-iskejjel jkunu jistgħu jtellgħu esibizzjoni. Is-Sindku nforma lil-Kunsillier Borg biex jitkellem mal-Profs. George Cassar għax jista' jkun li għandu. Saret diskussjoni fejn il-Kunsill ser jagħmel il-lapida bħal kommemorazzjoni tal-125 sena, u għalhekk il-Kunsillier Borg intalab jġib tlett kwotazzjonijiet.

**67.4.4 Siġar Housing Estate**

Il-Kunsillier Borg staqsa rigward is-siġar taċ-ċipress jekk għadhomx ser jitneħħew. Is-Sindku nforma li iva, però bħalissa il-kuntrattur impenjat b'xogħol ieħor.

Il-Kunsillier Borg fakkar wkoll dwar ġakaranda li hemm bżonn tinżabar fl-istess zona.

**67.4.5 Art fi Triq Freddie Micallef.**

Il-Kunsillier Borg staqsa rigward art jekk hiex tal-gvern, liema art tmiss ma l-appoġġ tad-dar tax-xjuħ. Is-Sindku nforma li huwa bagħat lill-Lands u qed jistenna kjarifika.

**67.4.6 Numerar fi Triq Speranza**
Il-Kunsillier Gauci staqsa meta ser jsir in-numerar ta' bibien fi triq l-Isperanza. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li dawn jsiru mil lis-Street Naming Committee, u triq l-Isperanza hija waħda mit-toroq li kienet fil-lista tagħhom biex jsir in-numerar ta' bibien tagħha.

**67.4.7 Trasport Pubbliku**
Il-Kunsillier Gatt staqsa jekk tistax tissolva il-problema tal-*bus stop* fi Vjal Indipendenza għax qed tkun mimlija bin-nies. Is-Sindku nforma li bagħat imejl, u talab biex jekk hu possibbli jkun hemm karozzi tal-linja direzzjoni lejn Buġibba biex tgħaddi minn Vjal l-Indipendenza u huwa talab ukoll biex jerġa jkun hawn venda fil-Mosta, il-53 li kellna qabel.

**67.4.8 Bollards Quddiem is-City**
Il-Kunsillier Zerafa staqsa x'sar minnhom il-*bollards* li kien hemm quddiem is-City. Is-Sindku nforma li ser jitwaħħlu aktar il-quddiem meta iddur it-triq bil-kontra, fejn ser issir *triangle* elevata pavimentata u l-*bollards* jeħlu fuqha a spejjez tal-Kunsill. B'hekk il-boċċi ma jkunux dirett mat-tarmak imma elevati u b'hekk ikun hemm anqas abbuż ta' karozzi li jinżlu *one way* abbużivament minn triq San Gwann u min quddiem City biex jinżlu min triq Tabib Chetcuti.

**67.4.9 Triq Callus**
Il-Kunsillier Cassar nforma li triq Callus għalxejn qed tinħasel minħabba l-istat li hi. Is-Sindku nforma li qed nippruvaw inaqqsu mit-trabijiet lir-residenti u qed tinkines qabel ma tinħasel. Il-Kunsill obbligat li jnaqqas l-inkonvenjent lir-residenti.

Is-Sindku żied jgħid li Infrastructure Malta (IM), qabel ma joħorġu tender jinfurmaw lill-entitajiet kollha, bħal WSC, Enemalta, GO, Melita, EPIC eċċ, biex jaraw xi jridu isiru ix-xogħlijiet min naħa tagħhom qabel ma ssir it-triq, u tal-WSC qed jdumu ma jirrispondu, allura qed jilħaq joħroġ it-tender u jingħalaq. Fil fatt il-pjanti bil-proposta tad-drenaġġ mill-WSC ġew bihom xahrejn wara u d-drenaġġ ma kienx inkluż fit-*tender* tal-IM Is-Sindku żied jgħid li kellu laqgħa ma CEO tal-WSC u ser joħorġu *letter of acceptance* u *direct order*, u ser iqabbdu l-istess kuntrattur ta' IM, biex isir id-drenaġġ li ntalab tard biex jsir. B'hekk IM ikunu jistgħu jkomplu bix-xogħlijiet, fejn il-permess issa ħareġ minn TM u suppost għandhom jibdew.

**67.4.10 Claims**
Il-Kunsillier Cassar nforma li l-kumitat tal-*claims* iltaqa' u ma hemmx aktar *claims* pendenti. Il-Kunsillier għandu jibgħat ir-rapport lil-*back office* biex jinħarġu l-ittri.

**67.4.11 Proġett tal-Pjazza**
Il-Kunsillier Cassar staqsa jekk il-proġett tal-pjazza huwiex *on target*, fejn is-Sindku ikkonferma li iva sa l-aħħar ta' Diċembru, ħlief in-naħa mill-arċipriet sal-Lord Nelson. Fil-pjazza jibqa' l-proġett tad-dwal u l-għamara għal wara l-festi tal-Milied.

**67.4.12 Baġit**
Il-Kunsillier Cassar staqsa meta ser jkun rivedut il-baġit, u s-Sindku nforma li ma kellux ċans jitlaqha ma l-accountant tal-Kunsill.

**67.5 Rapporti**

**67.5.3 Update - Development Funds as at 31.10.2023**
*Update* tal-lista tad-*Development Funds*, ingħatat lil-Kunsilliera fil-*folder* mad-dokumenti tal-laqgħa.

**67.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni**

**67.6.1 Skeda ta Pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill, l-iskeda ta' pagamenti numru 144.

Il-membri tal-Kunsill approvaw il-pagamenti.

**67.6.2 Purchase Orders**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-*purchase orders.*

Il-membri tal-Kunsill approvaw il-pagamenti.

**67.6.3 Works Orders**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-*Works Orders*.

Il-membri tal-Kunsill approvaw il-*works order list*.

**67.6.4 Petty Cash**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-listi tal-*petty cash.*

Il-membri tal-Kunsill approvaw b'mod unanimu il-listi tal-*petty cash* li jkopru xahar t'Ottubru 2023. Il-membri tal-Kunsill approvaw il-lista tal-*petty cash.*

**67.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa ntemmet fid-9:00pm ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għat-28 ta' Novembru 2023 fis-6:00pm.

Konfermati llum 28 ta' Novembru 2023.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Perit Chris Grech | Lorraine Templeman |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |